MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 65/2013

**Michael Portelli**

**vs**

**Miriam Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar l-4 ta’ Marzu 2013 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma komplessiva ta’ sitt elef, mitejn u disgha u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€6,279.36) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro (€4,658) somma mghoddija lilu bhala self *brevi manu* mill-istess rikorrent u l-ammont ta’ elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€1,621.36) rapprezentanti hlas ta’ kera dovut lir-rikorrent kif ukoll kera u spejjez li huwa hallas f’ismu lil terzi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju numru 365/13 u bl-imghax.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Miriam Ciantar li gietipprezentata fid-9 ta' April 2013 fejn eccepiet:

*"Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dan peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi l-intimata ma ghandha taghti xejn lir-rikorrenti u dana stante li mhux minnu li kien hemm ebda self brevi manu da parti tar-rikorrenti lill-intimata u jekk kien hemm xi flus li r-rikorrenti kien ta lill-intimata huwa kien tajhomlha mhux b'titolu ta' self izda minn jeddu bhala rigal u dana peress illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intima flimkien u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi qatt ma kien miftihem, anzi kien gie eskluz li kellu jkun hemm ir-rifuzjoni ta' dawn l-ammonti hekk avvanzati.*

*3. Illi lanqas ma huwa minnu li r-rikorrenti hallas xi kera jew spejjez lil terzi f'isem l-intimata, izda jekk huwa hallashom jirrizulta li huwa hallashom minn jeddu u mhux fuq inkarigu tal-esponenti.*

*4. Illi f'kull kaz ir-rikorrenti qieghed jirriklama ammonti ghola minn dawk li hu ta lill-intimata.*

*5. Illi l-intimata rendiet servigi lir-rikorrenti u nkorriet spejjez ghalih u ghalhekk qieghda minn issa tirriserva li tintavola proceduri ulterjuri fil-konfront ta' l-intimat izda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili peress li l-ammont dovut lilha mir-rikorrenti jeccedi l-kompetenza rationae valoris ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*6. Salv risposti ulterjuri.*

*7. Illi l-intimata ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri."*

Rat l-affidavit ta’ **Michael Portelli** li gie pprezentat fit-22 ta’ Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa ltaqa’ ma’ Miriam Ciantar xi seba’ snin ilu u bdew relazzjoni flimkien. Dak iz-zmien Miriam kellha d-dar taghha f’H’Attard li bieghet ftit taz-zmien wara illi kienu bdew din ir-relazzjoni. Wara li bieghet din id-dar hija xtrat appartament fi Triq il-Ficus, Attard. F’dan iz-zmien Miriam kienet ghaddejja mill-process ta’ separazzjoni personali taghha. L-attur spjega illi meta hi kienet qieghda tirranga u timla’ dan il-flat hu kien silifha Lm3,000 u kienet raddithomlu lura.

Wara dan is-self, huwa kien silef lil Miriam Lm2000 ohra li hija wzat biex thallas l-ispejjez tas-separazzjoni taghha. Biex thallsu lura dan l-ammont, Miriam kienet taghtu cheque tal-HSBC li pero’ ma ssarrafx. Dan kien fis-sena 2007. Meta ra hekk, huwa kellimha u hi dejjem qaltlu li ser taghtihomlu lura meta tkun f’pozzizjoni finanzjarja ahjar (kopja tac-cekk anness u mmarkat Dok MP1). Peress li dak iz-zmien ir-relazzjoni taghhom kienet ghadha tajba, huwa fdaha u ddecieda li jistenna li thallsu. Dan ic-cekk kien inhareg fuq ‘*Sign Services’* li huwa l-isem tan-negozju tieghu.

Fis-sena 2008 il-konvenuta kienet xtaqet tiftah hanut izda peress li kienet f’sitwazzjoni finanzjarja difficli, huwa xtaq jghinha. Huwa kellu hanut flimkien ma’ huh fi Triq Santa Marija, fil-Hamrun, u kien kellmu biex jikrihulha. Da parti tal-attur huwa ma kienx johdilha kera, izda kienet thallas biss nofs il-kera lil huh u cioe’ seba’ ewro (€7.00) kuljum. Din il-kirja bdiet f’Settembru 2008.

L-attur tenna li f’dan il-hanut Miriam damet iktar minn sena. Fl-ahhar erba’ xhur li damet f’dan il-hanut hija ma hallsitx kera lil huh. L-ammont ta’ kera dovut ghal dawn l-erba’ xhur kien ta’ €838, li huwa kien hallas lil huh ghan-nom ta’ Miriam bi ftehim ma’ Miriam stess li anke dawn il-flus kellha troddhomlu lura.

Fir-rigward tal-istess hanut fil-Hamrun, Miriam naqset ukoll milli thallas l-ahhar kont tad-dawl u ilma li filfatt hallashom hu wkoll. Dan kien jammonta ghal €721.94 u minkejja li talabha thallsu taghhom, hija baqghet

m'ghamlitx dan.Il-Qorti tirrileva li skond il-kont esebit fl-atti a fol. 29 immarkat bhala Dok X, l-ammont dovut kien ta' €420.71 u mhux €721.94 kif indikat minnu).

L-attur stqarr illi wara dan il-perjodu, Miriam ma baqghatx tikri dan il-hanut, peress illi n-negozju taghha ma kienx sejjer tajjeb u kien qalilha biex tiftah x'imkien iehor halli ma tibqax thallas kera. Dan huwa kien qalulha ghax seta' jtiha il-hanut tieghu f'Birkirkara minghajr kera. Filfatt Miriam kienet accettat mill-ewwel u dahlet f'dan il-hanut. F'dan il-hanut lanqas il-kontijiet tad-dawl u ilma ma talabha thallas u filfatt hi ma hallsitux.

Huwa ddikjara li r-relazzjoni taghhom spiccat f'Gunju 2011 u ftit xhur wara huwa beda jikkorispondi maghha biex thallsu fejn hi qatt ma cahdet li dawn l-ammonti kienu dovuti. Hija dejjem kienet tghidlu li ser thallsu mill-aktar fis. Dan kollu jidher fid-diversi emails li gew skambjati bejniethom wara li baghtilha email bl-ammont kollu dovut (Dok. MP2 sa MP4).

Madankollu minkejja li dam diversi xhur jistenna li thallsu fejn sahansitra kien anke bghatilha ittra bl-Avukat u ittra Ufficcjali, sal-lum huwa baqa' ma thallasx.

F'dan ir-rigward huwa qal illi filfatt il-kawza fetahha ghall-ammonti illi huma dovuti in konnessjoni mal-hanut tal-Hamrun u s-self ta' Lm2,000 li kien taha ghax kieku kellu jitlob l-ammonti l-ohra ta' flus li hallsilha, huwa kien jitlob ferm aktar. Pero' huwa qed jitlob biss l-ammonti li kienu ftehmu fuqhom hu u Miriam u cioe' l-ammont mitlub minnu f'din il-kawza.

**Lorraine Agius** xehdet fit-22 ta' Mejju 2013 fejn iddikjarat illi hija tokkupa l-kariga ta' segretarja mas-socjeta' *Sign Services*. Mistoqsija jekk tafx xi haga dwar din il-kawza odjerna wiegbet li taf. Hija giet murija dokument immarkat bhala Dok. P2 esebit f'dawn l-atti u qalet li din hija email mibghuta minnha stess lil Miriam Ciantar nhar it-2 ta' Dicembru 2011. Din kienet intbghatet lilha bil-posta. Ix-xhud spjegat li din kienet it-tieni komunikazzjoni min-naha taghhom. Mistoqsija jekk kienx hemm xi zvilupp min-naha

ta’ Miriam Ciantar dwar il-kontenut ta’ din l-ittra qalet li iva Miriam Ciantar kienet irrispondiethom permezz ta’ email datata 17 ta’ Dicembru 2011 liema email tinsab fl-atti u mmarkata mill-Qorti bhala Dok. MP3 fejn fiha, filwaqt li irringrazzjatha ghall-email, infurmatha li kienet bi hsiebha thallas il-pendenza taghha fi zmien qasir.

**Albert Portelli** xehed fil-15 ta’ Lulju 2013 fejn iddikjara li l-attur huwa huh. Huwa spjega li l-konvenuta Miriam Ciantar kellha relazzjoni ma’ huh. F’Settembru, Ottubru tas-sena 2008 il-konvenuta kienet hadet hanut minghandu u minghand huh b’titolu ta’ kera. Ix-xhud spjega li hija kienet thallas il-parti tieghu tal-kera permezz ta’ *cash* pero’ huh ma kienx izommilha kera. Filfatt hija kienet taghtih il-flus go envelopp b’ismu fuqu. Pero’ l-ahhar kera li kienet titratta ta’ erba’ xhur ma kinitx hallsitu u ghalhekk kien kellem lil Michael dwar dan u dan peress li huwa ma kienx involut fir-relazzjoni taghhom.  Hu kien intitolat ghal kera u Michael hallsu ghan-nom taghha. Dan l-ammont kien ta’ €838 ghal erba’ xhur. Dan kien tal-ahhar erba’ xhur li hija kienet damet fil-hanut.

**Reuben Bonnici,** rapprezentant tal-ARMS Limited xehed fid-9 ta’ Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub sabiex jixhed dwar il-kont numru 101000219992 f’isem Michael Portelli. Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva ghal dan il-kont u li gie mmarkat bhala Dokument X. Ix-xhud qal li llum il-gurnata dan il-bilanc fuq il-kont huwa zero. L-indirizz tieghu huwa 43, Escape Shop, Triq Santa Marija, Hamrun.

Ix-xhud xehed  ukoll dwar il-kont ta’ Michael Portelli, *Sign Services*, Qasam Industrijali, H’Attard u dan b’referenza ghal kont numru 101000082880. Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni relatata ma’ dan il-kont li giet immarkata bhala Dokument Y u dan l-ammont ta’ €1,653.19 ghadu dovut sa llum.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob lill-Qorti sabeix tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ sitt elef,

mitejn u disgha u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€6,279.36) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro (€4,658) somma flus mislufa brevi manu lill-konvenuta u l-ammont ta' elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin ewro u sitta u tletin centezmu (€1,621.36) rapprezenanti hlas ta' arretrati ta' kera fuq hanut mikri lilha, liema somma huwa hallas lill-Albert Portelli ghan-nom taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Gaetana Mamo vs Therese sive Tessie Mercieca et'</u>** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru, 2005 per Imhallef Philip Sciberras inghad li:

"*In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f' kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b' mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara **<u>Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier</u>** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal- fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l- attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha*";

Fil-kawza fl-ismjiet "**<u>Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri</u>**" deciza fis-27 ta' Mejju 1970 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran inghad li:

"*Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan*

*id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in exipiendo fit actor" ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f' kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*."

Issa fil-kaz in ezami l-attur xehed u spjega li kien silef is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) ekwivalenti ghas-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro (€4,658) lill-konvenuta u dan ghaliex hija kienet ghaddejja min xi separazzjoni minn ma' zewgha u kellha bzonn il-flus sabiex thallas xi spejjez li hija kellha in konnessjoni mal-istess. In oltre l-attur xehed li huwa flimkien ma' huh Albert kienu krewlha l-hanut taghhom il-Hamrun u filwaqt li huwa ma thallasx il-kera dovuta lilu bhala sehmu, huh Albert kien jithallas is-somma ta' sebgha ewro kuljum. Jghid li ghall-ahhar erba' xhur il-konvenuta ma halsitx il-kera dovuta u kien ghalhekk li kien propens ihallas dak dovut lil huh ghan-nom taghha. Albert Portelli xehed u kkonferma li effettivamet kien ircieva is-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin ewro (€838) minghand l-attur ghan-nom tal-konvenuta. L-attur jghid ukoll li l-konvenuta naqset li thallas il-kont tad-dawl u ilma fuq il-hanut mikri lilha u cioe' il-fond 43, Escape Shop, Triq Santa Marija Hamrun u dan fl-ammont ta' erba' mija u ghoxrin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€420.71) kif del rsto kkonferma ukoll Reuben Bonnici rapprezentant tal-ARMS Limited li kkonferma li dan il-kont kien ghadu ma thallasx. Ghalhekk b'kollox jidher li l-konvenuta ghandha taghti is-somma ta' hamest elef, disa' mija u sittax-il ewro u wiehed u sebghin centezmu (€5,916.71).

Illi l-konventua fl-eccezzjonijiet taghha tghid li m'ghandha taghti xejn lill-attur u dan ghaliex mhux minnu li kien hemm self brevi manu u jekk l-attur taha xi flus, dawn tahomlha bhala rigal u jekk effettivament l-attur hallas xi flus ghan-nom taghha, ghamel hekk minn rajh u mhux ghaliex kien hemm xi ftehim f'dan is-sens.  Tghid ukoll li l-attur qed jitlob ammont ta' flus ghola minn dak li hu dovut.

Illi pero' in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta ma resqet l-ebda provi.  Anzi addirittura jidher minn ezami tal-email li gew skambjati u esebiti fl-atti li l-konvenuta kienet qed tirrikonoxxi li ghandha xi debiti mal-attur izda kienet qed titlob zmien sabiex taghmel il-hlas relattiv. Minkejja li nghatat zmien, il-hlas donnu ma sar qatt.

Din il-Qorti tat diversi cansijiet sabiex il-konvenuta tidher u tressaq il-provi taghha u dan fid-9 ta' Ottubru 2013, fis-27 ta' Novembru 2013, fil-11 ta' Dicembru 2013 u fis-16 ta' Jannar 2014 pero' minkejja dan il-konvenuta qatt ma dehret u lanqas resqet provi.  Jirrizulta wkoll li  l-avukat difensur taghha Dr Joseph Arrigo kien irrinunzja l-patrocinju taghha peress li l-patrocinata tieghu ma kinitx qed izomm kuntatt mieghu.

Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti thoss li t-talba attrici hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ridotta ta' hamest elef, disa' mija u sittax-il ewro u wiehed u sebghin centezmu (€5,916.71).**

**L-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat kawtelatorju numru 365/13 huma a karigu tal-istess konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------